13 ta' April, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giovanna Debono *versus* Carmelo Debono

**Alimenti — Mara — Dar Konjugali — Diżokkupazzjoni — Separazzjoni Personali — Inġurja Gravi — Ġenn — Art. 3 (2) u (3) u art. 6 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huwa dmir tar-raġel li jilqa' lil martu f'daru; jiġifieri fid-dar konjugali, u mhux f'dar fejn hu ma għandu ebda jedd.*

*Il-jedd tal-mara li tabbanduna d-dar ta' żewġha u tfittex ir-raġel biex imantniha ma jintilefx billi hija, tajjeb jew ħażin, tabbanduna jew taħrab mid-dar konjugali; iżda jintilef biss jekk, wara li żewġha jsejħilha biex terġa' tmur lura, hija tonqos li tagħmel hekk mingħajr ma jkollha dritt li ma tobdix. Imma l-interpellazzjoni tar-raġel lill-mara trid tkun fis-sens li huwa jsejħilha lura f'daru, jiġifieri fid-dar konjugali.*

*Ir-raġel huwa obligat imantni lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu; u d-dritt tal-mara għall-alimenti kontra żewġha mhux dritt "pietatis causa", u mhux limitat għall-bżonnijiet urġenti tal-mara.*

*Lanqas ma jista' r-raġel jeħles minn dan l-obligu tiegħu għar-raġuni li huwa jkun diżokkupat.*

*Dan id-dritt il-mara tista teżerċitah mingħajr ma jkollha bżonn tirrikorri għar-rimedju tas-separazzjoni personali.*

*Il-fatt li r-raġel jipprova jgħaddi l-martu b'miġnuna mal barranin jikkostitwixxi inġurja gravi, li tiġġustifika lill-mara li tistmerr li tkompli tikkoabita ma' żewġha.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn l-attriċi qalet li, fit-28 ta' Lulju 1948, telqet mid-dar konjugali kif kellha dritt tagħmel, kif okkorrendo jiġi espressament dikjarat, u peress illi l-konvenut ilu minn dak iż-żmien ma jagħtiha l-manteniment neċessarju, u biex tmantni ruħha kellha tissellef; talbet li, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut jiġi kundannat minn dina l-Qorti biex iħallas pensjoni alimentarja lill-attriċi fil-miżura u bil-modalitajiet li tistabbilixxi l-istess Qorti, b'effett mid-data fuq imsemmija; b'riżerva ta' drittijiet

oħra, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-2 ta' Frar 1949;

*Omissis;*

Rat is-sentenza l-oħra ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Frar 1952, li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-attriċi, u hekk ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-pensjoni alimentarja ta' 5s.6d kuljum, titħallas kull ġimgħa bil-quddiem fid-domiċilju tagħha, kull nhar ta' Tlieta, u tibda mill-jum tas-sentenza; bl-ispejjeż kollha tal-kawża, barra minn dawk ġà deċiżi; wara li kkunsidrat;

Illi jirriżulta li l-kontendenti............. Fid-data fuq imsemmija l-attriċi reġgħet telqet mill-istess dar, u baqgħet ma rritornatx fiha. B'din l-azzjoni l-attriċi qiegħda titlob il-kundanna tal-konvenut biex jissomministralha pensjoni alimentarja. Il-konvenut jopponi din it-talba, billi jallega (1) li l-attriċi telqet minn darha mingħajr ġusta kawża, u (2) anki kieku huwa kien tenut skond il-liġi li jissomministra l-alimenti lill-attriċi martu, huwa ma jistax jagħmel dan għaliex ma jippossjedi xejn;

Illi l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attriċi telqet minn "daru" u "mingħajr ġusta kawża" ma hijiex sostenibili;

Illi huwa ċar li l-attriċi ma telqetx, u ma setgħetx titlaq, mid-dar tal-konvenut; għas-sempliċi raġuni li l-konvenut qatt ma kellu, u qatt ma ried ikollu, dar għalih u għal martu biss, kif kien tenut skond il-liġi. "Hu dmir tar-raġel li jilqa' l-martu f'daru" (art. 3 (3) Kap. 23), jiġifieri fid-dar konjugali. Il-konvenut dejjem ried joqgħod ma' ommu fid-dar tagħha; u anki meta bagħat għall-attriċi, skond l-ittra li eżibixxa, ħafna żmien wara li hija kienet telqet mid-dar ta' ommu, huwa bagħat jgħidilha biex tmur f'dik id-dar. Għad li ommu stess qaltlu, fuq suġġeriment tal-patri, biex imur joqgħod ma' martu (fol. 110 tergo), il-konvenut baqa' ma riedx jagħmel hekk, għaliex, kif qal fid-dikjarazzjoni tiegħu (fol. 3), huwa ma jista' qatt jabbanduna lill-ommu;

Il-konvenut fisser fl-istess dikjarazzjoni li huwa ma jistax iħalli l-ommu weħidha, billi hija mara ta' xi sebgħin sena, u truxa għal kollox, u wliedha, ħutu, huma kollha miżżewġin; però huwa ma kkunsidrax li anki hu miżżewweġ. Tant dik id-dar mhix daru, li huwa stess xehed (fol. 106 tergo), kif xehdet

ommu (fol. 110), li f'ħafna okkażjonijiet huwa talab lill-ommu biex tkeċċi minn darha lill-attriċi — dak li juri li f'dik id-dar huwa ma għandu ebda jedd. F'dawn iċ-ċirkustanzi hija wisq verosimili x-xhieda ta' l-attriċi meta qalet (fol. 103 tergo) li hija talbet lill-konvenut jikri dar fejn imorru joqogħdu fiha flimkien, imma huwa ma riedx jagħmel hekk. Huwa veru li l-konvenut xehed li fil-mori tal-kawża huwa sab, u offra lill-attriċi, *żewġt idjar biex tagħżel waħda minnhom u jmorru joqogħdu* fiha; imma apparti raġunijiet oħra, huwa wisq sintomatiku l-fatt li dawk iż-żewġt idjar kienu t-tnejn wisq viċin lejn id-dar ta' ommu;

Illi l-attriċi tilmenta li omm il-konvenut keċċietha minn darha, u li f'dik id-dar dejjem kienet tgergrilha. Dan huwa miċħud minn omm il-konvenut, li anzi tgħid, mal-konvenut, li l-attriċi kienet dejjem miżmuma paxxuta ma tagħmel xejn. Imma anki hawn hija aktar verosimili x-xhieda ta' l-attriċi............ Li kien hemm inkwiet bejn l-attriċi u omm il-konvenut jidher tant mix-xhieda tal-konvenut u ta' ommu; tal-konvenut, meta qal li minħabba t-trattament ħażin ta' martu lejn ommu talab *lil din* biex *tkeċċiha* minn darha, u dan meta huwa tenut skond il-liġi (ara art. ċitat) li jaqbeż għal martu; ta' omm il-konvenut, meta qalet li l-attriċi kienet tipprovokaha. U jekk kien hemm dan l-inkwiet, l-attriċi kienet ġustifikata li titlaq minn dik id-dar..............;

Illi l-jedd tal-mara miżżewġa li tabbanduna jew taħrab minn dar żewġha, u li tfittex lir-raġel biex imantniha, ma jintilefx billi hija, tajjeb jew ħażin, tabbanduna jew taħrab minn dik id-dar, iżda biss jekk, wara li żewġha jsejħilha biex terġa' lura, hija ma tagħmelx hekk mingħajr ma jkollha dritt li ma tobdix (Kollez. Vol. XXIX—II—539). Issa, kif ġà ngħad, ma jirriżultax li *l-konvenut qatt interpella lill-attriċi biex tirritorna*, imma kitbilha biss ittra biex tagħmel hekk; u jekk din l-ittra tista' tiġi kunsidrata li tammonta għall-interpellazzjoni li trid il-liġi, ma jidherx li l-konvenut sejjaħ lill-attriċi biex tirritorna f'"daru", imma f'dik id-dar li hija qatt ma riedet toqgħod fiha wara l-inkwiet li nqala', li omm il-konvenut talbet lil dan biex joħroġ minnha u jmur f'oħra ma' martu, u li l-istess konvenut talab lill-ommu biex tkeċċi minnha lill-attriċi. Fi kwalunkwe każ, kif ġie biżżejjed imfisser, l-attriċi kellha, u

għandha, raġuni ġusta biex ma tirritornax f'dik id-dar;

Illi lanqas ma hi sostenibili l-allegazzjoni tal-konvenut li, fi kwalunkwe każ, huwa ma għandux jagħti alimenti lill-attriċi għaliex ma jippossjedi xejn;

Illi huwa veru li l-konvenut huwa, u ilu ħafna, kważi minn meta żżewweġ lill-attriċi, diżokkupat. Infatti l-istess attriċi xehdet..............;

Illi "il consentire che colui che è per legge costretto a prestare una pensione alimentaria ad un congiunto si liberi da tale obbligazione semplicemente col dedicarsi all'ozio, tenderebbe a rendere frustraneo il precetto legislativo, basato sulla umanità e sugli stretti vincoli di famiglia. La disoccupazione di chi è capace al lavoro non è un giusto motivo per esentarlo dall'obbligo alimentario. La professione, arte o mestiere, di cui parla l'articolo 26 Ordinanza No. I del 1873, non è solo quella attualmente esercitata, ma anche quella che si può esercitare" (Kollez. Vol. XXVI—I—410). U l-konvenut ma ġieb ebda prova li huwa inkapaċi għax-xogħol, jew li fittex ix-xogħol imma ma sabx jaħdem........... Skond il-liġi (art. 3 (2) Kod. Ċiv), ir-raġel hu fid-dmir li jmantni lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu; u l-mara għandha dejjem id-dritt tal-mantenimeıt kontra żewġha, sakemm ma tiġix dikjarata li tilfet dan id-dritt għal xi raġuni valida fil-liġi (Kollez. XXXI—I—79). Dan id-dritt tal-mara għall-alimenti kontra r-raġel huwa divers minn dak ta' l-alimenti "pietatis causa", fis-sens li mhux limitat għall-bżonnijiet urġenti, imma hu regolat mill-mezzi u l-kondizzjoni tar-raġel (Kollez. Vol. XXXII—I—132; XXIX—II—539);

Illi jirriżulta li l-attriċi għandha xi beni tagħha, jiġifieri...............;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi jidher li t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa, u l-konvenut għandu jissomministra lill-attriċi l-pensjoni alimentarja li sejra tissemma;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li l-imsemmija sentenza tal-5 ta' Frar 1952 tiġi revokata, billi d-domandi attriċi jiġu respinti; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant qiegħed isostni li l-attriċi, martu, ma

għandhiex dritt għall-alimenti minnha reklamati bl-att taċ-ċitazzjoni billi hija telqet mid-dar konjugali u qiegħda tirrifjuta mingħajr ġusta kawża li terġa' lura f'dik id-dar. Bis-sentenza appellata ġie ritenut li l-attriċi kienet ġustifikata li ma tirritornax ma' żewġha, u għalhekk ġiet milqugħa t-talba tagħha, speċjalment in vista li l-appellant ma kellux dar tiegħu, imma kien joqgħod ma' ommu, u li f'dik id-dar l-attriċi kienet sabet ruħha f'inkwiet kontinwu minħabba l-molestji u t-theddid, tant da parti ta' l-appellant kemm da parti ta' ommu. Minn dik is-sentenza 'l hawn iċ-ċirkustanzi tbiddlu, billi omm l-appellant mietet u l-appellant jinsab waħdu fid-dar li kienet tagħha, u interpella lill-martu biex tmur toqgħod miegħu f'dik id-dar; iżda l-attriċi għadha ssostni li għandha ġusta kawża biex ma tmurx toqgħod miegħu;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 6 Kod. Civ.), l-obligu tar-raġel għall-manteniment ta' martu jispiċċa jekk din, wara li tkun telqet mid-dar ta' żewġha, tirrifjuta, mingħajr ma jkollha l-għaliex, li tmur lura f'daru. Fil-konkors ta' ġusta kawża, għalhekk, il-mara miżżewġa tista' toqgħod imbiegħda mid-dar ta' żewġha mingħajr ma titlef id-dritt tagħha għall-alimenti, u hija ma għandhiex bżonn tirrikorri għar-rimedju estrem tas-separazzjoni, tant il-għaliex, kif jgħid il-Borsari (ċitat fis-sentenza tal-Prm'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Frar 1898, in re "Restall utrinque", Kollez. Vol. XVI, p. II, paġ. 200), "ella non può essere costretta a romperla col marito, sia perchè i motivi potrebbero non essere di tanta importanza da autorizzare la separazione, ed intanto essere sufficienti per dar luogo a provvedimenti temporanei che rendano innocuo alla moglie l'allontanamento dalla casa del marito". Il-kawżi li skond il-liġi jagħtu lok għas-separazzjoni bejn il-konjuġi huma kawża ġusta għar-rifjut tal-mara li terġa' lura fid-dar konjugali; iżda jista' jkun hemm kawżi oħra li, għalkemm mhux suffiċjenti biex jilleġittimaw is-separazzjoni, ikunu biżżejjed gravi biex jiġġustifikaw ir-rifjut tal-mara li terġa' tmur ma' żewġha (Kollez. Vol. XXIX, parte II, paġ. 849);

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti l-prinċipji li għandhom jirregolaw il-materja in eżami, hemm bżonn li jiġi eżaminat u riżolut jekk l-at-

triċi għandhiex dik il-kawża ġusta minnha allegata bħala ġustifikazzjoni għar-rifjut tagħha li tirriprendi l-konvivenza konjugali;

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi, imressqin tant fl-ewwel kemm f'din l-istanza, irriżulta a kariku ta' l-appellant li hu pprova jgħaddi lill-martu ta' miġnuna u ried jibgħatha fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ. Infatti, mill-inizju ta' din il-kawża huwa ttanta, b'eċċezzjoni "ad hoc", jarresta dawn il-proċeduri fuq l-allegazzjoni li l-istat mentali tagħha kien defiċjenti. L-attriċi ġiet sottoposta għal perizja medika, u wara r-relazzjonijiet preliminari tal-Professur Vassallo (fol. 41), fejn ġie relatat li l-attriċi ma tidherx "prima facie" li hija affetta minn marda mentali, iżda li kellu bżonn jisma' xhieda bil-ġurament biex jifforma opinjoni korretta u preċiża, l-appellant kompla jinsisti biex dak il-perit jespleta l-inkariku tiegħu (fol. 44). Jirriżulta wkoll mill-provi........... li l-appellant kien jgħid man-nies li martu hija marida b'moħħha, u li kellha bżonn tikkura ruħha fi sptar. Hija ħaġa magħrufa li taċċja bħal din, speċjalment meta ma ssir ebda prova biex tiġi ġustifikata, tammonta għal inġurja gravi u hija kunsidrata bħala tebgħa fil-familja. Dik l-inġurja ripetuta mal-barranin ma setgħetx ma tnisselx fl-attriċi dak iddisgust u dik l-eżaċerbazzjoni li jġagħluha tistmerr lil żewġha u żżommha mbiegħda minnu. Jingħad ukoll illi, f'każi ta' mard simili, in-nies tal-familja jaħbu u jagħmlu mill-aħjar biex il-barranin ma jsirux jafu bih. Id-diportament ta' l-appellant kien wisq divers, u l-iskop tiegħu ma setax kien ieħor ħlief li joffendi lil martu (ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Novembru 1952, in re "Attard utrinque", Kollez. Vol. XXVIII, parte II, paġ. 299);

Ikkunsidrat;

Illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ, in bażi għal dak li ntqal fuq, jidher li l-attriċi għandha raġunijiet biżżejjed gravi biex tirrifjuta li tikkoabita ma' l-appellant, ir-raġel tagħha, billi dan, bl-aġir tiegħu, irrenda insopportabili dik il-konvivenza;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.